## EŻAMI ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI - 2003

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Ir-Raba' Sena** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

**Isem:**___________________________ **Klassi:**___________

**Istruzzjonijiet lill-kandidati:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.
3. Se tingħata ħafna importanza għall-ortografija. Ortografija ħażina ttlelliflek ħafna marki.

---

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**SKEMA GĦALL-MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Tot. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 9 | 17 | 4 | 10 | 10 | 30 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

## Kummenti

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha:**

# Id-Dritt għall-Għażla



**Qabel ma nixtru għandna noqogħdu attenti li ma ninsewx *"Id-Dritt għall-Għażla".* Parti importanti mill-għażla hija li għandna nduru l-ħwienet u nipparagunaw qabel ma niddeċiedu x'ser nixtru u mingħand min ser nixtru. (par.1)**

Issa ejja nimmaġinaw li se nixtru *Hifi System,* bis-*CD Player* u r-radju, xi *mobile telephone*, jew xi żarbun għall-ġiri jew ħwejjeġ. L-ewwelnett irridu nkunu ċari magħna nfusna x'inhuma l-bżonnijiet tagħna u kemm għandna x'nonfqu. Imbagħad nibdew induru l-ħwienet. Hawnhekk, jekk naraw xi ħaġa li togħġobna ħafna, m'għandniex inċedu għat-tentazzjoni li naqbdu u nixtruha mill-ewwel qabel ma naraw x'għandhom il-ħwienet l-oħra u nqabblu. (par 2.)

L-ewwel għandna neżaminaw sew dak li jkollhom il-ħwienet. Imbagħad fejn naraw xi ħaġa li togħġobna u tinteressana, huwa importanti li nistaqsu għal informazzjoni dwar l-oġġett. M'għandniex nixtru affarijiet ta' xi marka rinomata mingħajr ma niċċekkjaw il-prezz u l-kwalità. Il-garanzija hija ħaġa oħra li għandna niċċekkjaw. (par. 3)

Ħaġa importanti li għandna dejjem inżommu f'rasna hija li kull ħanut li nidħlu fih, jaf li aħna għandna d-dritt għall-għażla. Is-sid jew l-impjegat li jservina jaf li qiegħed jikkompeti mal-ħwienet l-oħra biex jipperswadina biex nixtru mingħandu. Din hija s-sbuħija tal-kompetizzjoni u bħala konsumaturi għandna nisfruttawha sew. Fattur importanti ħafna huwa li għandna dejjem nuruhom xi nkunu qed nistennew. (par. 4)

***Minn: Young CONSUMERS Magazine***

## A. FEHIM IT-TEST (9 marki)

1. X'għandna nagħmlu qabel ma niddeċiedu li nixtru? (par. 1)

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (marka)

2. Dwar xiex jissuġġerixxi l-awtur li għandna nkunu ċari? (par. 2)

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (marka)

3. Għal liema tentazzjoni m'għandniex inċedu? (par. 2)

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (marka)

4. X'għandna nagħmlu meta f'ħanut naraw xi ħaġa li tkun tinteressana? (par. 3)

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (marka)

5. Semmi għallanqas żewġ affarijiet li għandna niċċekkjaw: (par. 3)

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (2 marki)

6. X'inhi skond il-kittieb, is-sbuħija tal-kompetizzjoni? (par. 4)

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (marka)

7. X'jissuġġerilna li għandna nagħmlu bħala konsumaturi? (par. 4)

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (marka)

8. Liema fattur importanti għandna nuru lil tal-ħwienet? (par. 4)

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (marka)

| B. GĦARFIEN IL-LINGWA | (17-il marka) |
|---|---|

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Parteċipju Passiv: (2 marki)

| | |
|---|---|
| Minn ***ninsew*** nagħmlu ***<u>m</u>insi*** | Minn ***nipparagunaw*** nagħmlu ***ipparagun<u>at</u>*** |

Agħmel l-istess għal:

| | |
|---|---|
| **nixtru:** | **niċċekkjaw:** |

2. Immarka fil-kaxxa, ta' liema forma huma dawn il-verbi: (2 marki)

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ***qabblu*** | It-tieni forma | | | ***nistaqsu*** | L-ewwel forma | |
| | Is-sitt forma | | | | L-għaxar forma | |

3. Ikteb fil-kaxxa ħdejn kull avverbju, kull wieħed minnhom x'juri minn dawn it-tifsiriet li ġejjin: ***żmien, kwantitaċ, post*** (3 marki)

| | |
|---|---|
| ***Kemm*** | |
| ***Fejn*** | |
| ***Qabel*** | |

4. Sib mis-silta u ikteb fil-kaxxi ħdejhom: (4 marki)

| | |
|---|---|
| Verb fin-negattiv: | |
| Verb fit-tielet persuna singular maskil fl-imperfett: | |
| Partiċella magħquda ma' l-artiklu: | |
| Nom fil-plural miksur | |

**LESSIKU U VOKABULARJU** (3 marki)

5. Minn dawn il-kelmiet mis-silta, ikteb fil-kaxxa apposta, waħda li hija Semitika (mill-Għarbi) waħda li hija Rumanza (mit-Taljan eċċ.) u waħda li hija Anglo-Sassona (mill-Ingliż): ***neżaminaw, inċedu, niċċekkjaw, nonfqu, dejjem, kwalità***

| | | |
|---|---|---|
| ***Semitika:*** | ***Rumanza:*** | ***Anglo-Sassona:*** |

**ANALIŻI TESTWALI**

Immarka fil-kaxxa t-tajba: (3 marki)

6. Il-pronom mehmuż ***na*** fi kliem bħal ***rasna, għandna, jservina*** (par. 3) jirreferu għas-sidien tal-ħwienet … għal-lavranti … jew għall-konsumaturi … ?

7. ***Hawnhekk*** (par. 2) qed tirreferi għall-konsumaturi … għall-*mobile telephone* … jew għall-ħwienet … ?

8. Il-kelma ***nisfruttawha*** (par. 4) tirreferi għall-għażla … għall-kompetizzjoni … jew għas-sbuħija … ?

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (4 marki)

**IDJOMI U QWIEL**

1. Agħti tifsira għal dawn il-qwiel:

   ***Aktar ma tikber aktar titgħallem:*** ____________________________________________

   ______________________________________________________________________

   ***Qis mitt darba u aqta' darba:*** ______________________________________________

   ______________________________________________________________________

2. Sib żewġ idjomi mis-sentenzi li ġejjin u iktibhom fl-ispazji mogħtija taħt:
   ***Godfrey ried jasal wasla s'Għawdex għax kellu qadja x'jagħmel. Iżda billi ttardja biex wasal iċ-¬irkewwa, baqa' l-art u kellu bis-sabar kollu jistenna vapur ieħor.***

| | |
|---|---|
| | |

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (10 marki)

*AGĦŻEL WAĦDA U IKTEB MADWAR 80 SA 100 KELMA, MHUX MAGĦDUDIN L-INDIRIZZI JEKK IKUN IL-KAŻ.*

- Inti taf b'persuna ftit akbar minnek li nqabdet fil-morsa tad-droga kif ġralha **Ċinzja** fil-ktieb **Jinqabad bid-Drogi** ta' l-Aġenzija Sedqa. Int tixtieq tgħinha toħroġ minnha. Ikteb ittra *Lil min hu kkonċernat* fl-aġenzija msemmija, biex tiddeskrivi l-każ u titlob l-għajnuna meħtieġa. (Indirizz: Aġenzija SEDQA, Ċentru Nazzjonali ta' Prevenzjoni, 2, Triq Braille, Santa Venera. - tinsiex tikteb ukoll id-data, l-indirizz tiegħek u tiffirma fl-aħħar)

J E W

- Dan l-aħħar innutajt li fir-raħal ta' **Ħal-Muxi** fejn toqgħod, sewwasew ħdejn il-*housing estate,* saru xi atti ta' vandaliżmu. Ikkuntattjajt lis-Segretarju tal-Kunsill Lokali u qallek biex tiktiblu rapport biex ikunu jistgħu jieħdu passi.

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI (10 marki)

Fuq karta separata, ikteb bejn 80 u 100 kelma dwar xi aspett jew aspetti tal-ħajja tal-Maltin fi żminijietna, li inti għamilt tiftix dwaru matul din is-sena.

## F. LETTERATURA (30 marka)

### 1. QAWSALLA - L-AMBJENT NATURALI

(a) Aqra sewwa ***IŻ-ŻABRA*** ta' Victor Fenech u wieġeb il-mistoqsijiet ta' warajha:

(b)

**Is-siġra tal-misraħ sal-bieraħ kienet tfakkarni fir-riti antiki tal-mara fertili qed tongħos ħedlija fuq ħaġra godlija. Tfakkarni f'disinji ta' dell u ta' dija, ta' lwien fantasija. Tbenninni ġo nieqa ta' friegħi u friegħ, twennisni ġo wejla ta' wens u mistrieħ. . .**

**Imbagħad ġewwa l-misraħ ilbieraħ, bi srieraq u slielem armati, ġew erba' pirati. U dritt marru ħdejha u lbiesha ċarrtulha/qaċċtulha idejha, u xagħarha minn rasha, sa waslu sa nagħasha. U s-siġra la tniffset, protesta la lissnet la karba t'uġigħ.**

**U telqu l-pirati bis-srieraq u s-slielem. U s-siġra sserrata ħallewha waħedha titniegħed fl-ispazju ta' misraħ li krieh.**

**U ġew fil-għaxija l-għasafar u stagħġbu b'dil-ħerba qatigħ, u wħud minnhom bkew. U telqu ħosbiena fuq ġwienaħ lċ-ċomb f'kenn ieħor ifittxu dil-ħerba jinsew. U ruħi, tithenna mdorrija b'għanjiethom mis-siġra kennija, ħassejtha sseħibhom f'titjir(a)gunija.**

**U baqa' ġo moħħi l-lejl kollu, bla friegħi bla weraq bla tjur u bla kenn, zokk oħxon ġo misraħ iqattar id-demm.**

i. X'tissejjaħ din it-tip ta' kitba? Agħti tagħrif ħafif dwar x'jagħilha minn tipi oħra ta' kitba. ______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ (3 marki)

ii. Agħti fi kliemek il-ħsieb ta' ***IŻ-ŻABRA***: ______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ (3 marki)

iii Minn ***IŻ-ŻABRA*** sib u ikteb eżempju ta': (4 marki)

Metafora: ______________________________

Alliterazzjoni: ______________________________________________

Personifikazzjoni: ___________________________________________

Rima (interna): ______________________________________________

(b) Agħżel ***WAĦDA BISS*** u wieġeb f'madwar 100 kelma fuq karta separata.

i. Ikteb dwar kif Dun Karm fi ***Żjara Lil {esuċ***, Rużar Briffa f'***Nofs Inhar Sajfi***, Daniel Massa f'***Dellimara*** u Carmel Attard f' ***Il-Moll*** jaraw u jittrattaw il-baħar bħala parti mill-Ambjent Naturali Malti.

ii. Joe Friggieri f' ***Wied il-Luq***, Rużar Briffa f' ***Nofs Inhar Sajfi***, u {orġ Zammit f'***Għajn Riħana*** u f' ***Gelmus*** jitkellmu fuq aspetti ta' ambjent naturali marbutin ma' esperjenzi u tiġrib fil-ħajja tagħhom. Ikteb dwar dan.

(10 marki)

**2. PROŻA/DRAMA**

*Agħżel* **WAĦDA BISS** *u ikteb daqs 100 kelma fuq karta separata.*

i. ***L-Isqaq*** innifsu jista' jitqies bħala l-karattru ewlieni tar-rumanz ta' {użeċ Chetcuti u Stejfen hu biss il-fomm li jirrakkonta l-ġrajja tiegħu. X'għandek xi tgħid fuq dan?

ii. Agħti tagħrif dwar il-karattru ta' **tlieta** minn dawn il-persunaġġi fir-rumanz ***L-Isqaq***: Nina omm Stejfen, Romilda, Spigolo`, Menu, il-Konti.

iii. X'tifhem b'satira u x'qiegħed jikkritika bis-satira li jagħmel Oreste Calleja fid-dramm tiegħu ***Satira?***

iv. Id-dramm ***Satira*** ta' Oreste Calleja jidher li hu farsa, iżda fil-fatt hu traġedja moħbija dwar aspetti ta' kif jitmexxew ċerti affarijiet f'pajjiżna u kif jintlaqat iċ-ċittadin. X'taħseb fuq dan?

| **Ġ. KOMPONIMENT** | **(20 MARKA)** |
|---|---|

**Agħżel wieħed u ikteb daqs 300 kelma fuq karta separata.**

1. It-terroriżmu: Gwerra moħbija li biha jintlaqtu nies bla ħtija.
2. Il-*mobiles* huma moda li għad tgħaddi?
3. Darba waħda qomt b'ħasda kbira. . .
4. Ma ngħaddix bla ma nara s-sensiela favorita tiegħi fuq it-televixin.
5. Aħseb il-ħażin biex it-tajjeb ma jonqosx.
6. Ħdejn il-baħar fix-xitwa.